**26 ta' Ġunju, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Diego Attard et noe

*versus*

Angelo Fenech

**Preskrizzjoni — Art. 2242, Kodiċi Ċivili**

*Skond l-Artikolu 2242 tal-Kodiċi Ċivili l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*

*Għalhekk it-terminu preskrittiv jibda minn meta l-kreditu jibda jsir esiġibbli.*

Il-Qorti;

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjoni tal-konvenut (fol. 7) li biha eċċepixxa l-preskrizzjoni kwinkwennali u għalhekk it-talba għandha *tiġi miċħuda*.

Omissis.

Tikkunsidra illi l-konvenut kien impjegat bħala salesman mal-Cooperativa "Hadifa" sal-aħħar ta' Settembru 1955. Fost xogħol ieħor kien inkarigat mix-xiri u *bejgħ tal-ġwies. Huwa* kien jixtri l-ġwies, jittrasportah, ibiegħu kemm bil-voucher u kemm bla voucher, kien jagħti dettalji tal-bejgħ li jagħmel lis-segretarju tal-istess Cooperativa. Id-dettalji tal-vouchers kienu jiġu reġistrati fuq is-sales sheets u trasportati fil-ledger darba fix-xahar mis-segretarju stess. Li stock taking isir fl-aħħar ta' Awissu ta' kull sena, billi s-sena finanzjarja tal-Cooperativa tibda fl-ewwel (1) ta' Settembru.

L-atturi qegħdin jippretendu nuqqas da parti tal-konvenut għas-sena li għalqet f'Awissu 1954. Iċ-ċitazzjoni ġiet notifikata *lill-konvenut* fis-sbatax (17) ta' Ottubru, 1959, u kif informa lill-Qorti d-difensur tal-atturi l-ittra uffiċjali tal-għaxra (10) ta' Ġunju, 1959 ma kienitx ġiet notifikata lill-konvenut. Għalhekk bejn il-wieħed u tletin (31) ta' Awissu, 1954 u d-dsatax (19) ta' Ottubru, 1959 għaddew aktar minn ħames snin. L-atturi però jgħidu illi l-preskrizzjoni ma mmaturatx għaliex huma ma setgħux *jittendu bin-nuqqas, u kwindi ma* setgħux jipproċedu kontra l-konvenut, ħlief xhur wara l-għeluq tas-sena finanzjarja billi l-kontijiet ma jsirux immedjatament, u skond kif xehed Oscar Cesareo, Spettur tal-Cooperativa hemm bżonn minn erba' (4) sa ħames (5) xhur minn mindu jgħalqu l-kotba biex l-atturi joħorġu balance sheet. Skond Romeo Formosa rappreżentant tar-Reġistratur tal-Cooperativi li stock taking tal-Cooperativa in kwistjoni jsir mhux aktar tard mill-wieħed u tletin (31) ta' Awissu ta' kull sena

minn żewġ senior inspectors. Dawn jagħtu r-riżultat tagħhom lill-iskrivan ossija book-keeper tal-Cooperativa dik in-nhar stess ta' li stock taking jew l-għada. Il-book-keeper joħroġ il-balance sheet wara li jkollu r-riżultat ta' li stock taking u jissottomettih *lir-reġistratur tal-Cooperativa* għall-auditing.

Skond l-artikolu 2242 tal-Kodiċi Ċivili l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dik in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eserċitata mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss. Issa l-initium praescriptionis jibda mill-exordium obligationis minn meta cioe', *li l-*kreditu jibda jsir esiġibbli (Ara Giorgi, Obbligazione Vol. VIII p. 504 Laurent Diritto Civile Vol. XXXII para: 16 Baudry Lacantinerie, Diritto Civile, Prescrizione para: 380, 381, 384).

Il-Qorti tara għaldaqstant illi l-eċċezzjoni ta' ħames (5) snin (art. 2261 (f) Kod. Ċiv.) hija sostnuta. Il-konvenut jekk għamel xi nuqqasijiet kien soġġett għall-azzjoni relativa da parti tal-atturi, u dawn setgħu jaġixxu kontra tiegħu anke qabel ma għalqet is-sena finanzjarja għaliex il-prinċipal għandu mezzi biex jiċċekkja l-operat tad-dipendenti tiegħu anke *matul is-sena kollha u ma hemmx bżonn illi joqgħod jistenna* s-sena tgħaddi biex jikkontrolla l-onestà jew il-kapaċità tad-dipendenti tiegħu. Għalhekk is-salesman li jkun ikkommetta xi ammanki jista' jkun passibili ta' azzjoni kontra tiegħu appena jikkommetti dan in-nuqqas, u jekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ in partikolari l-atturi ma setgħux jittendu qabel l-aħħar tas-sena finanzjarja. Bix-xhieda tar-rappreżentant ta' reġistratur tal-Cooperativa ġie konstatat li r-riżultat ta' li stock taking jiġi mogħti lill-Accountant jew Book-keeper tal-Cooperativa dik in-nhar stess illi jsir li stock taking jew l-għada, jiġifieri mhux aktar tard mill-ewwel (1) ta' Settembru. Issa jekk l-atturi għal xi raġuni jew oħra jdumu ma joħorġu l-balance sheet, hija affari tagħhom, imma dan ma jfissirx illi l-obbligazzjoni tal-konvenut tibda meta huma jlestu l-balance sheet. Huwa żgur illi ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lill-atturi illi jaġixxu qa-

bel kontra l-konvenut. It-twelid tal-obbligazzjoni tal-konvenut ma jiddependiex mill-grad ta' effiċjenza tat-tenitura tal-kotba jew minn solerzja tal-kredituri.

Għaldaqstant tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames (5) snin (art. 2261 (f) Kod. Ċiv.) opposta mill-konvenut bl-ispejjeż kontra l-atturi u *konsegwentement tiċħad it-talba* bl-ispejjeż kontra l-atturi.